DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Lulju 2008

li temenda d-Deċiżjoni 98/481/KE li tapprova l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2008/571/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2008/2 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' April 2008 lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosistema għandhom jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandati ta' Coopers u Lybrand (1998-2003) u KPMG Deutsche Treuhand-Gesellschaft AG Wirtschaftsprüfingsgesellschaft (2003-2007) skadew wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2007. Għalhekk jeħtieġ li jinħatar awditur estern mis-sena finanzjarja 2008.

(3) Il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE rrakkomanda li Pricewaterhouse Coopers Aktiengesellschaft Wirtschaftsprüfungsgesellschaft għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-BĊE għas-snin finanzjarji 2008 sa 2012,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/481/KE [2] għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

PricewaterhouseCoopers Aktiengesellschaft Wirtschaftsprüfungsgesellschaft huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-BĊE għas-snin finanzjarji 2008 sa 2012."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun innotifikata lill-BĊE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Lulju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

C. LAGARDE

[1] ĠU C 114, 9.5.2008, p. 1.

[2] ĠU L 216, 4.8.1998, p. 7.